

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– MONTENEGRO –**

**Brussell, 23 ta' Jannar 2026
(OR. en)**

AD 2/26

LIMITE

CONF-ME 2

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Kapitolu 32: Kontroll Finanzjarju

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu ta' Negozjar 32: Kontroll Finanzjarju

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (AD 23/12 CONF-ME 2), u hija soġġetta għall-prinċipji għan-negozjati approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn kwalunkwe parti dwar kapitolu tan-negozjati ma għandha tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħra;
- ftehimiet - anke ftehimiet parzjali - milħuqa matul in-negozjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistgħux jitqiesu bħala finali sakemm jiġi stabbilit ftehim globali;
- ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Montenegro jkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali jiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnotta li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet ta' negozjar tiegħu AD 8/14 CONF-ME 4 u AD 30/25 CONF-ME 14 jaċċetta l-acquis tal-UE skont il-Kapitolu 32 kif fis-seħħ fit-18 ta' Novembru 2025, u li ser ikun lest li jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Kontroll Intern tal-Finanzi Pubbliċi (PIFC)

L-UE tirrikonoxxi li l-Montenegro żviluppa qafas regolatorju, politiku, istituzzjonali u operazzjonali komprensiv għall-kontroll intern u l-awditu, li huwa konformi ma' standards internazzjonali. L-UE tistenna li l-qafas operazzjonali tal-Montenegro għall-PIFC jissaħħa aktar, b'mod partikolari għall-intrapriżi pubbliċi u l-muniċipalitajiet. L-objettivi u l-azzjonijiet tal-politika ta' kontroll intern huma parti mill-Istrateġija ta' Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika 2022-2026 u l-Programm ta' Riforma tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi 2022-2026, li jiżguraw li r-riforma u l-applikazzjoni tal-kontroll intern tal-finanzi pubbliċi jiġu ttrattati bħala parti integrali mir-riforma usa' tal-amministrazzjoni pubblika.

L-UE tinnota wkoll li l-Montenegro tejjeb kontinwament l-implimentazzjoni effettiva tar-responsabbiltà maniġerjali fl-amministrazzjoni pubblika, sabiex ikompli jappoġġa l-funzjonament tas-sistema tal-PIFC u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi amministrattivi u baġitarji. L-UE tistieden lill-Montenegro jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas regolatorju dwar ir-responsabbiltà maniġerjali skont l-impenn meħud, inkluż permezz ta' definizzjoni dettaljata tad-dmirijiet u żieda fid-delegazzjoni tal-awtoritajiet, id-dixxiplina fiskali, is-salvagwardja tal-assi, l-istabbiliment tal-objettivi u r-rappurtar b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-baġit li għaddej, il-kontabbiltà u riformi applikabbli oħra.

L-UE tirrikonoxxi l-progress li għaddej fit-titjib tal-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja marbuta mal-kontroll intern tal-finanzi pubbliċi, bl-objettiv li tkun aktar allinjata mal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali u tindirizza l-isfidi prattiċi tal-implimentazzjoni. Abbażi ta' dan il-qafas imsaħħa, l-UE tirrikonoxxi l-progress, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja li tispeċifika regoli u linji gwida għall-kontroll intern u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi għall-applikazzjoni tagħhom fis-settur pubbliku kollu, inkluż fl-oqsma tal-ġestjoni tar-riskju u tal-irregolaritajiet.

L-UE tilqa' b'mod partikolari t-titjib regolatorju l-aktar reċenti, li jsaħħaħ il-governanza u r-responsabbiltà maniġerjali fil-ġestjoni baġitarja u tar-riżorsi umani, itejjeb il-kwalità u l-indipendenza tal-awditu intern permezz tal-armonizzazzjoni mal-istandards internazzjonali, u jistabbilixxi qafas aktar effettiv għall-ġestjoni tar-riskju u s-segwitu tal-irregolaritajiet.

L-UE tteġġegħ lill-Montenegro jkompli jiżgura li l-iżvilupp strateġiku futur tas-sistemi ta' kontroll intern u r-regolamenti marbuta magħhom ikunu allinjati sew mal-emendi li għaddejjin tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. L-UE tistieden ukoll lill-Montenegro jiżgura li l-iżvilupp strateġiku futur tas-sistemi ta' kontroll intern ikun immirat lejn il-ġestjoni tal-istituzzjonijiet pubbliċi u s-sensibilizzazzjoni tal-persunal dwar il-ħtieġa ta' konformità effettiva mal-kontroll intern u l-awditu intern għall-ġestjoni għaqlija tar-riżorsi baġitarji u amministrattivi.

L-UE tinnota progress kontinwu fit-tisħiħ tal-qafas operazzjonali għall-awditu intern, u l-funzjonament tiegħu permezz ta' titjib metodoloġiku, aktar assigurarazzjoni tal-kwalità u professjonalizzazzjoni tas-sistema tal-awditu intern inkluż iċ-ċertifikazzjoni u t-taħriġ tal-awdituri interni. L-UE tistenna li l-Montenegro (1) ikompli jtejjeb il-produttività tal-funzjonijiet tal-awditu intern billi jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-korpi governattivi u l-awditi interni; (2) ikompli jaġġorna l-kapaċitajiet amministrattivi billi jespandi t-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni professjonali biex jindirizza n-nuqqas ta' persunal u jħaffef il-proċess ta' sistematizzazzjoni tal-impjiegi u l-mili regolari tal-pożizzjonijiet vakanti; (3) itejjeb l-ippjanar, id-dokumentazzjoni u r-rappurtar tal-awditi bil-ħsieb li jżid il-produttività u jnaqqas l-ammont ta' xogħol amministrattiv. Fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju, l-UE tinnota progress tanġibbli fl-istabbiliment ta' qafas regolatorju u istituzzjonali komprensiv bħala parti mill-proċessi ta' governanza u kontroll intern fl-amministrazzjoni pubblika tal-Montenegro. L-UE tirrikonoxxi ż-żieda fl-effiċjenza tas-sistema, kif muri mill-għadd dejjem jikber ta' entitajiet b'uffiċjali maħtura għall-ġestjoni tar-riskju u reġistri tar-riskju stabbiliti fis-settur pubbliku kollu.

L-UE tinnota, fir-rigward tal-ġestjoni tal-irregolaritajiet, li l-qafas regolatorju huwa stabbilit sew u jagħti biżżejjed gwida għall-implimentazzjoni. Is-sistema ġenerali biex jiġu pprevenuti u indirizzati l-irregolaritajiet ġiet allinjata aktar u msaħħa, b'responsabbiltajiet u proċeduri istituzzjonali aktar ċari. L-UE tinnota wkoll żieda fl-għadd ta' uffiċjali maħtura għall-ġestjoni tal-irregolaritajiet, kif ukoll fl-għadd ta' każijiet ta' suspett ta' frodi rrapportati b'mod trasparenti. L-UE tistenna li l-Montenegro jkompli jsaħħa il-kapaċitajiet amministrattivi sabiex jiżgura implimentazzjoni aktar effettiva tas-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-irregolaritajiet, permezz ta' taħriġ regolari, l-assigurazzjoni tal-kwalità, u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ċentralizzat għar-rappurtar u l-ġbir ta' data dwar l-irregolaritajiet.

Barra minn hekk, l-UE tinnota li l-kapaċitajiet amministrattivi ssaħħu biex jittejjbu l-funzjonijiet tal-awditu fl-intrapriżi tal-Istat u l-fondi tas-sigurtà soċjali u li qed jittieħdu miżuri kontinwi għat-titjib tagħhom.

L-UE tinnota wkoll li l-Liġi l-ġdida dwar l-Ispezzjoni tal-Baġit tistabbilixxi funzjoni ta' spezzjoni tal-baġit finanzjarju li hija mifruda kompletament mill-awditu intern, kemm mil-lat organizzattiv kif ukoll mil-lat funzjonali. Minħabba l-impenn tal-Montenegro li jkompli jsaħħa il-komplementarjetà bejn l-ispezzjoni tal-baġit u l-awditu intern permezz ta' salvagwardji addizzjonali matul l-implimentazzjoni, l-UE tistenna li l-Montenegro jkompli jimplementa l-Liġi l-ġdida dwar l-Ispezzjoni tal-Baġit u l-emendi rilevanti adottati fi tmiem l-2025.

Awditjar estern

L-UE tirrikonoxxi li l-Montenegro żviluppa qafas legali robust għall-awditu estern f'konformità mal-istandards u l-aħjar prattiki tal-UE u dawk internazzjonali. L-Istituzzjoni Statali tal-Awditjar (Stat Audit Institution, SAI) tal-Montenegro stabbiliet qafas regolatorju, istituzzjonali u operazzjonali komprensiv li jirrifletti l-prinċipji u l-prattiki tajba promossi mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI).

F'dan ir-rigward, l-UE tinnotta li l-Montenegro żgura l-indipendenza finanzjarja, funzjonali u istituzzjonali tal-SAI f'konformità mal-istandards tal-INTOSAI, inkluż permezz tal-Kostituzzjoni tagħha, u billi daħħal fis-seħħ il-leġislazzjoni korrispondenti. Dan jippermetti lill-SAI twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv u imparzjali. L-SAI twettaq kemm awditi finanzjarji kif ukoll awditi tal-prestazzjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għal trasparenza aħjar, obbligu ta' rendikont u ġestjoni għaqlija tal-finanzi pubbliċi. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-SAI saħħet il-kapaċità amministrattiva tagħha, l-UE tistenna li jimtlew il-pożizzjonijiet vakanti. L-UE tistenna li l-Montenegro jkompli jiżgura l-indipendenza finanzjarja, funzjonali u istituzzjonali tal-SAI.

Barra minn hekk, l-UE tirrikonoxxi l-progress li sar fit-tiżiħ tal-metodoloġija tal-awditu, il-prattiki ta' rappurtar, u l-mekkaniżmi ta' segwitu dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditu, li jikkontribwixxu għas-sorveljanza effettiva tan-nefqa pubblika u t-tiżiħ tal-governanza tas-settur pubbliku, b'mod partikolari mill-Parlament. L-UE tistieden lill-Montenegro jagħti aġġornamenti regolari dwar is-segwitu għas-sejbiet tal-awditu tal-SAI u tistenna li l-Montenegro jtejjeb l-implimentazzjoni tas-sejbiet u tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti tal-SAI.

Barra minn hekk, l-UE tistieden lill-Montenegro jkompli jsaħħaħ il-kooperazzjoni tal-SAI mal-INTOSAI u l-EUROSAI u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-UE tinnota wkoll l-impenn tal-Montenegro li jkompli jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Parlament u l-Gvern.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE

L-UE tieħu nota tal-impenn tal-Montenegro biex jikkonforma mal-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), inkluż il-kooperazzjoni mill-qrib u regolari bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti.

L-UE tinnota li fl-14 ta' Ottubru 2025 il-Montenegro ffinalizza l-proċess tal-allinjament tal-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu mad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (jiġifieri d-Direttiva PIF) permezz tal-adozzjoni tal-Liġi li temenda l-Kodiċi Kriminali tal-Montenegro (Digriet dwar il-proklama tal-Liġi li temenda l-Kodiċi Kriminali tal-Montenegro, Nru 01-009/25-1967/2), li daħal fis-seħħ fit-22 ta' Ottubru 2025 ("Gazzetta Uffiċjali tal-Montenegro", Nru 121/25).

L-UE tirrikonoxxi li fil-Ministeru għall-Finanzi nħatar Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS), u li l-kapaċità amministrattiva tiegħu ssaħħet. Ġie stabbilit ukoll network korrispondenti tal-AFCOS tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti involuti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, u dan issaħħaħ permezz tat-taħriġ.

L-UE tirrikonoxxi li f'Lulju 2025 ġiet adottata strateġija nazzjonali għall-ġlieda kontra l-frodi u l-ġestjoni tal-irregolaritajiet għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE għall-perjodu 2025-2028, u magħha l-pjan ta' azzjoni għall-perjodu 2025-2026.

L-UE tinnota li l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni dwar l-investigazzjonijiet uriet li hija effettiva u effiċjenti u li l-Montenegro qed jibni rekord ta' rappurtar ta' irregolaritajiet billi jkompli jirrapporta irregolaritajiet fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS).

L-UE tistenna li l-Montenegro jkompli jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tiegħu u jżomm in-network tiegħu ta' korpi ta' kontra l-frodi, kif ukoll ikompli jimplimenta l-pjan ta' azzjoni tal-istrateġija nazzjonali attwali ta' kontra l-frodi. L-UE tistieden lill-Montenegro jiżgura li r-rappurtar tal-irregolaritajiet u l-frodi skont l-obbligi stabbiliti fil-ftehim ta' finanzjament ikompli jitjieb skont ix-xejra pożittiva tal-aħħar snin.

Protezzjoni tal-Euro kontra l-kontrafazzjoni

L-UE tinnota li fit-13 ta' Ottubru 2015, il-Montenegro ffirmat u rratifika l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Ġinevra tal-1929 għas-Soppressjoni tal-Kontrafazzjoni tal-Muniti billi adotta l-Liġi dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Ġinevra għas-Soppressjoni tal-Kontrafazzjoni tal-Muniti ("Gazzetta Uffiċjali tal-Montenegro – Trattati Internazzjonali", Nru 12/15). L-UE tirrikonoxxi li l-qafas legali tal-Montenegro huwa allinjat mal-acquis rilevanti tal-UE dwar il-protezzjoni tal-Euro mill-kontrafazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Bank Ċentrali tal-Montenegro adotta d-Deċiżjoni dwar l-Immaniġġar ta' Eżemplari Suspettużi ta' Karti tal-Flus u ta' Muniti tal-Euro u Attivitajiet oħra għall-Protezzjoni tal-Euro kontra l-Kontrafazzjoni ("Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Montenegro", Nru 35/11 u 61/18) biex jallinja mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1339/2001 li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001.

Barra minn hekk, il-Bank Ċentrali tal-Montenegro adotta d-Deċiżjoni dwar Midalji u Tokens simili għall-Muniti tal-Euro ("Gazzetta Uffiċjali tal-Montenegro", Nru 44/14 u 61/18) biex jallinja mar-Regolament tal-Kunsill (KE) 2182/2004 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) 46/2009 li jemenda r-Regolament (KE) 2182/2004, u mar-Regolament tal-Kunsill (KE) 2183/2004 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) 47/2009 li jemenda r-Regolament (KE) 2183/2004.

L-UE tqis li l-Montenegro jiżgura kapaċità amministrattiva suffiċjenti għall-analiżi teknika u l-klassifikazzjoni ta' karti tal-flus u muniti tal-euro kontrafatti, u stabbilixxa sistema adegwata għall-awtentikazzjoni tagħhom, kif attestat mill-adozzjoni mill-Bank Ċentrali tal-Montenegro tad-Deċiżjoni dwar l-Idoneità u l-Awtentiċità tal-Karti tal-Flus u l-Muniti fil-31 ta' Lulju 2024 ("Gazzetta Uffiċjali tal-Montenegro", Nru 78/24). Barra minn hekk, l-UE tinnota li baqgħu għaddejjin l-attivitajiet biex l-Euro jiġi protett mill-kontrafazzjoni f'konformità mar-regolamenti u l-istandards armonizzati tal-UE u l-BĊE, fost oħrajn bil-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni b'mod regolari.

L-UE tiegħu nota tal-pjanijiet tal-Montenegro li jibqa' jipparteċipa fl-attivitajiet tal-programm Pericles IV, kif ukoll li jkompli jikkoopera mal-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew, u ma' għadd ta' Banek Ċentrali tal-Istati Membri tal-UE. L-UE tissottolinja l-importanza li tiġi protetta l-indipendenza tal-Bank Ċentrali, inkluż l-indipendenza finanzjarja tiegħu, u l-ħatriet trasparenti u imparzjali tal-viċi gvernaturi u l-membri tal-bord.

L-UE tistieden lill-Montenegro jiżgura li ċ-ċentru nazzjonali ta' analiżi jkollu biżżejjed kapaċità amministrattiva għall-analiżi teknika u li jkompli l-kooperazzjoni internazzjonali.

Għaldaqstant, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli tul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmija hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Montenegro li jinforza l-acquis f'dan il-kapitolu. Jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċifika lir-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħra tan-negozjati. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro mal-acquis tal-UE u tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tiegħu tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' titlob għan-negozjati f'dan il-kapitolu u li għandha tingħata lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro jagħti regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE.

Minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq, jekk meħtieġ, l-UE ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument opportun.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet ta' negozjar tiegħu AD 8/14 CONF-ME 4 u AD 30/25 CONF-ME 14 jaċċetta l-acquis taħt il-Kapitolu 32 bħala fis-seħħ fit-18 ta' Novembru 2025. Barra minn hekk, l-UE tinnota li l-Montenegro jiddikjara li ser ikompli l-proċess ta' allinjament mal-acquis u li ser ikun lest jimplementah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid f'dan il-kapitolu bejn it-18 ta' Novembru 2025 u d-data tal-adeżjoni.